V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10341 — PRINCE / FERRO)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 489/03)

1. Fis-26 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ASP Prince Holdings Inc. ("Prince", l-Istati Uniti tal-Amerka), li finalment hija kkontrollata minn fondi affiljati ġestiti minn American Securities LLC ("American Securities"),

— Ferro Corporation ("Ferro", l-Istati Uniti tal-Amerka).

Prince takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Ferro kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Prince: il-manifattura ta' sustanzi kimiċi, minerali u addittivi industrijali bbażati fuq il-minerali u prodotti ffukati fuq l-iżvilupp, il-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti ta' speċjalità għal applikazzjonijiet f'varjetà ta' industriji, inklużi l-kostruzzjoni, l-elettronika, il-prodotti għall-konsumatur, l-agrikoltura, l-industrija tal-karozzi, iż-żejt u l-gass u tagħmir tqil;

— Ferro: provvista ta' (*i*) kisjiet funzjonali għal sottostrati tal-ħġieġ, tal-metall, taċ-ċeramika u oħrajn, u (*ii*) soluzzjonijiet tal-kulur fil-forma ta' pigmenti u koloranti, għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet u industriji, prinċipalment il-bini u l-kostruzzjoni, prodotti tal-karozzi, industrijali, kif ukoll tagħmir u tagħmir tad-dar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10341 — PRINCE / FERRO

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:
European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË